**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 10 ta' Lulju, 2019**

**Rikors nru: 202/19 AGV**

**AB**
**Vs**
**CD**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fit-8 ta' Mejju, 2019 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-esponent izzewweg lill-intimata nhar l-10 ta' Mejju, 1992 fil-Parrocca ta' San Bastjan, Hal Qormi, skond certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok.A.

2. Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg kellhom tifla ossia E, li twieldet fis- 7 ta' Frar, 1996 liema certifikat tat-twelid huwa hawn anness u mmarkat bhala Dok. B.

3. Illi ghalkemm il-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin mis-17 ta' Marzu, 2017 b'kuntratt redatt inn Nutar Dottor Carmel Gafa' illi huwa hawn anness u mmarkat bhala Dok.C, il-partijiet ilhom *de facto* separati minn xulxin minn Marzu tas-sena 2015, tant illi r-rikorrent sab akkomodazzjoni alternattiva b'lokazzjoni. Kopja tal-kuntratt ta' kera tieghu huwa hawn anness u mmarkat bhala Dok.D.

4. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, ir-rikorrent illum ghandu hajja totalment separata minn dik tal-intimata u sahansitra fforma rabta ma' persuna ohra.

5. Illi l-intimata CD tircievi minghand ir-rikorrent AB il-manteniment adegwat ghal binthom EB fl-ammont ta' mitejn Euros (€200) hekk kif stipulat fil-kuntratt redatt minn Nutar Dottor Carmel Gafa' hawn anness u mmarkat bhala Dok.C.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissoddisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligiijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

i. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

ii. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-Risposta tal-intimata li eccepiet:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu fl-10 ta' Mejju, 1992.

2. Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt datat is-17 ta' Marzu, 2017 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa', izda ilhom I sseparati ghal aktar minn erba' snin.

3. Illi skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet, il-kundizzjonijiet elenkati ghall-hlas ta' manteniment qedghin jigu rispettati u f'dan l-istadju m'hemmx arretrati u ghaldaqstant l-esponenti ma topponix ghax-xoljiment taz-zwieg tal-kontendenti.

4. Illi l-esponenti taqbel illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partjiet u l-partjiet illum il-gurnata ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

5. Illi l-esponenti m'ghandhiex oggezzjoni illi dan iz-zwieg taghha mar-rikorrent jigi xolt.

6. Illi pero' jinghad illi l-esponenti ma kellha l-ebda interess illi tiehu dan id-divorzju u mhijiex lesta illi thallas ghall-ispejjes tieghu u ghaldaqstant toggezzjona ghall-hlas tal-ispejjez abbinati ma' din il-kawza.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrent rnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom isseparati *de facto* ghal aktar minn erba’ snin u mbaghad permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Carmel Gafa’ datat 17 ta’ Marzu, 2017.

Illi m’hemmx arretrati ta’ manteniment.

Ir-rikorrent ukoll ipprova li ma hemmx cans ta’ rikonciljazzjoni u llum ighixu hajja separati minn xulxin.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa’ t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Imhallef Anthony G Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Deputat Registratur**